

31996R1503

30.7.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 189/71

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1503/96**tad-29 ta' Lulju 1996****dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 f'dak li għandu x'jaqsam ma' dazji ta' importazzjoni fuq ir-ross**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 (2) u (4) tiegħu,

Billi t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 jiddetta l-metodu li għandu jintuża sabiex jiġi kkalkulat il-perċentwal li bih għandu jiżdied il-prezz ta' intervent validu dakinhar ta' l-importazzjoni sabiex jiġu kkalkulati d-dazji ta' importazzjoni fuq ross mitħun; Billi dak il-metodu jqis ir-rata ta' kambju, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti sekondarji u ammont għall-protezzjoni ta' l-industrija; Billi l-jum ta' importazzjoni għandha tkun iffissata bħala l-ġurnata ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet doganali kif stabbilit fl-Artikolu 67 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽²⁾ kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja;

Billi l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 jipprovdi li r-rati ta' dazju fit-Tariffa doganali Komuni għandhom jiġu imposti fuq prodotti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament meta jiġi importati; madanakollu, billi, fil-każ ta' prodotti li għalihom hemm referenza f'Artikolu 11 (2) id-dazju ta' importazzjoni għandu jkun daqs il-prezz ta' intervent validu għal dawk il-prodotti malli jiġu mpurtati, miżjud b'ċertu perċentwal skond jekk huwiex ross bil-qoxra jew mitħun, ross ta' l-indika jew ross tal-ġaponika, u mnaqqas bil-prezz ta' importazzjoni, sakemm dak id-dazju ma jaqbiżx ir-rata tad-dazji tat-Tariffa doganali Komuni;

Billi hemm diffikultajiet partikulari fis-settur tar-ross li għandhom x'jaqsmu mal-verifika tal-valur ta' prodotti importati; billi sistema ta' valuri ta' rati bażiċi hi għalhekk l-aktar addattata għall-implimentazzjoni tar-riżultati tan-negozjati tad-Dikjarazzjoni ta' l-Urugwaj; madanakollu, billi għadhom għaddejnin diskussjonijiet tekniċi bejn l-isħab konċernati; billi, waqt li r-riżultat ta' dawk id-diskussjonijiet ikun għadu pendenti, is-sistema applikata fl-1995/96 għandha tinżamm bħala prekawzjoni;

Billi sabiex jiġu kklassifikati l-kunsinni importati, il-prodotti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 11 (2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 għandhom jiġu sottodiviżi f'numru ta' kwalitajiet; billi għandhom ikunu speċifikati l-kodiċi tan-nomenklatura sħiħa li għalihom jikkorrispondu dawn il-kwalitajiet;

Billi, sabiex jiġi kkalkulat id-dazju ta' importazzjoni billi jintuża l-valur ta' importazzjoni ta' rata bażika, il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. għandhom jiġu kkalkulati għal kull waħda mill-kwalitajiet mfissra; billi, sabiex jiġu stabbiliti dawk il-prezzijiet, għandhom jiġu stabbiliti kwotazzjonijiet tal-prezzijiet għal kwalitajiet differenti ta' ross;

Billi dawn il-kwotazzjonijiet għandhom għalhekk jiġu mfissra; Billi, fl-interessi taċ-ċarezza u tat-trasparenza, il-kwotazzjonijiet għal tipi differenti ta' ross f'pubblikazzjonijiet mid-Dipartiment ta' l-Agricoltura ta' l-Istati Uniti tal-Amerika jikkostitwixxu bażi oġġettiva sabiex jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. għar-ross bl-ingrossa; Billi l-prezzijiet rappreżentattivi fis-suq ta' l-Istati Uniti, is-suq Tajlandiż jew ta' oriġini oħra jistgħu jiġu maqluba f'prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. billi jiżdiedu l-ispejjeż tal-ġarr bil-baħar fis-suq *charter* bejn il-portijiet ta' oriġini u l-port tal-Komunità; Billi, waqt li jitqies il-volum ta' ġarr u tan-negozju fil-portijiet tat-tramuntana ta' l-Ewropa, dawk il-portijiet jikkostitwixxu d-destinazzjoni tal-Komunità li għalihom il-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet ta' ġarr bil-baħar huma l-aktar magħrufa mill-pubbliku, l-aktar trasparenti u l-iżjed disponibbli; Billi, għalhekk, il-portijiet tat-tramuntana ta' l-Ewropa (Antwerp, Rotterdam, Amsterdam, Gent) għandhom jiġu adottati bħala l-portijiet ta' destinazzjoni tal-Komunità;

Billi, sabiex jiġu sorveljati t-tendenzi fil-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. b'hekk stabbiliti, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kontrolli ta' kull ġimgħa ta' l-elementi li jikkontribwixxu għall-kalkolazzjoni tagħhom;

Billi, sabiex jiġu ffissati d-dazji ta' importazzjoni għar-ross imsemmi fl-Artikolu 11 (2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, perjodu ta' ġimgħatejn sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. għal ross fl-ingrossa jagħti każ tat-tendenzi tas-swieq mingħajr ma jdaħħal elementi ta' inċertezza; billi, fuq din il-bażi, għandhom jiġu stabbiliti dazji t'importazzjoni sabiex tiġi meqjusa l-medja tal-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. innotati matul il-perjodu msemmi hawn fuq, kull ġimagħtejn nhar ta' Erbgħa, u kull l-aħħar ġurnata tax-xogħol fix-xahar;

Billi d-dazju ta' importazzjoni kkalkulat b'dan il-mod jista' jiġi applikat fuq perjodu ta' ġimagħtejn mingħajr ma jaffettwa b'mod sostanzjali l-prezzijiet ta' importazzjoni u d-dazji mħallsa; iżda, billi, fejn l-ebda stima ma tkun disponibbli għal prodott partikulari matul il-perjodu ta' kalkolazzjoni ta' prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. jew fejn, wara bidliet ta' malajr fl-elementi li bihom tinħadem il-kalkolazzjoni, dawk il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. jgħaddu minn varjazzjonijiet kbar matul il-perjodu in kwistjoni, għandhom jittieħdu miżuri sabiex tinżamm in-natura rappreżentattiva tal-prezzijiet ta' importazzjoni c.i.f. tal-prodott in kwistjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

Billi l-prezz ta' ross basmati li joriġina mill-Indja u mill-Pakistan hu normalment ogħla fis-suq mill-prezz rappreżentattiv stabbilit; Billi fl-1993/94 id-differenza kienet fl-ordni ta' 250 Eku għal kull tunnellata fil-każ ta' ross basmati li joriġina mill-Indja u 50 Eku għal kull tunnellata fil-każ ta' ross basmati li joriġina mill-Pakistan; Billi, b'konsegwenza, id-dazju ta' importazzjoni fuq dawk il-varjetajiet ta' ross għandu jitnaqqas bl-ammonti msemmija qabel sabiex jikkonformaw mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 u l-impjenji internazzjonali tal-Komunità;

Billi, fejn m'hemm l-ebda stima, ikun xieraq li jibqa' jiġi applikat l-ammont ta' dazji ffissat għall-perjodu preċedenti u, fil-każ ta' varjazzjonijiet kbar fil-kwotazzjoni, l-ispiża tal-ġarr bil-baħar jew ir-rata ta' kambju użata għall-kalkolazzjoni tal-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni c.i.f. tal-prodott in kwestjoni, in-natura rappreżentativa ta' dak il-prezz għandha tinġieb lura kif kienet, wara li jitqiesu dawk il-bidliet, billi jiġi aġġustat id-dazju ffissat bil-qbil mad-differenzi nnotati; Billi, anki fejn isiru dawn l-aġġustamenti, id-dati sabiex jiġu ffissati d-dazji m'għandhomx ikunu affettwati;

Billi l-Kumitat Amministrattiv għaċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien iddettat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dazji ta' importazzjoni li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 11 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 għandhom ikunu dawk applikabbli fil-ħin stabbilit fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 2

Id-dazju ta' importazzjoni għar-ross mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 30 għandu jkun ugwali għall-prezz ta' intervent validu f'dak il-ħin ta' importazzjoni miżjud b':

— 163 % fil-każ ta' ross indika,

— 167 % fil-każ ta' ross gaponika,

imnaqqas bil-prezz ta' l-importazzjoni.

Madanakollu, id-dazju m'għandux jaqbeż ir-rata ta' dazju fit-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 3

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament ir-ross indika għandu jitqies bħala ross li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 17, 1006 20 98, 1006 30 27, 1006 30 48, 1006 30 67 u 1006 30 98.

2. Kull prodott ieħor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 u 1006 30 għandhom jitqiesu li jkunu ross gaponika.

Artikolu 4

1. Id-dazji ta' importazzjoni għall-prodotti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 3 għandu jiġi kkalkulat kull ġimgħa imma għandu jkun iffissat mill-Kummissjoni kull ġimgħatejn nhar ta' Erbgħa u kull l-aħħar ġurnata xogħol ta' kull xahar, u għall-perjodu sa l-ewwel Ħamis ta' Lulju 1995 mill-1 ta' Lulju ta' dik is-sena, bi qbil mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 5 u għandu japplika mill-ewwel ġurnata ta' xogħol wara li jiġu ffissati u l-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara, rispettivament.

Madanakollu, jekk il-kalkolazzjoni tal-ġimgħa ta' wara dan l-iffissar turi li d-dazju ta' importazzjoni huwa ogħla jew iżgħar b'10 Eku għal kull tunnellata mid-dazju preżenti, għandu jsir aġġustament korrispondenti mill-Kummissjoni.

L-iffissar magħmul nhar l-aħħar ġurnata xogħol ta' kull xahar għandu jkun ibbażat fuq il-prezz ta' intervent għax-xahar ta' wara.

Meta l-Erbgħa meta għandhom jiġu ffissati d-dazji ta' importazzjoni ma tkunx ġurnata tax-xogħol għall-Kummissjoni, id-dazji għandhom jiġu ffissati nhar l-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' l-Erbgħa ta' wara.

2. Il-prezz validu fuq is-suq dinji li għandu jiġi użat għall-kalkolazzjoni tad-dazju ta' importazzjoni għandu jkun il-medja tal-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni c.i.f. ta' kull ġimgħa għal ross bl-ingrossa stabbilit billi jintuża l-metodu stabbilit fl-Artikolu 5 u stabbilit matul il-perjodu tal-ġimgħatejn ta' qabel.

3. Id-dazji ta' importazzjoni iffissati b'mod konformi ma' dan ir-Regolament għandhom japplikaw sakemm jiġu ffissati u jidħlu fis-seħħ dazji ġodda.

Madanakollu, meta l-ebda stima ma tkun disponibbli għal prodott partikulari minn sors ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 5 matul il-ġimgħatejn ta' qabel l-iffissar perjodiku li jmiss, id-dazju ta' importazzjoni iffissat qabel għandu jibqa' fis-seħħ.

Kull darba li d-dazju jiġi ffissat jew aġġustat, il-Kummissjoni għandha tippublika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* id-dazji ta' importazzjoni u l-fatturi użati sabiex tinħadem il-kalkolazzjoni tagħhom.

4. Ir-ross basmati li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 1006 20 17 u ex 1006 20 98 jista' jibbenifika minn tnaqqis fid-dazju ta' importazzjoni b'ammont ta' 250 Eku għal ross li joriġina mill-Indja u ta' 50 Eku għal ross li joriġina mill-Pakistan.

Dan it-tnaqqis għandu jsir jekk, meta prodott jinħareġ għal ċirkolazzjoni ħielsa, jiġu preżentati liċenzja ta' importazzjoni li l-ħruġ tagħha huwa marbut mal-kondizzjoni li titpoġġa garanzija, u ċertifikat ta' l-awtentiċità tal-prodott.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10 (a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1162/95 ⁽¹⁾, il-garanzija li għandha tiġi provduta għandha tkun ta' 275 Eku għal kull tunnellata ross basmati li joriġina mill-Indja u 75 Eku għal kull tunnellata ross basmati li joriġina mill-Pakistan.

⁽¹⁾ ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2.

Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jinħareġ fuq il-forma ta' kampjun li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Għandu jinħareġ skond il-klawsoli rilevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 81/92 ⁽¹⁾.

L-ammonti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu riveduti bi tweġiba għat-tendenzi tas-suq.

Artikolu 5

1. Sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet ta' importazzjoni tar-ross li għalih hemm referenza fl-Artikolu 11 (4) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, għandhom jiġu użati l-fatturi segwenti għat-tipi differenti ta' ross bl-ingrossa li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 3:

- (a) il-prezz c.i.f. f'Rotterdam;
- (b) il-prezz rappreżentattiv fis-suq Tajlandiż;
- (ċ) il-prezz rappreżentattiv fis-suq ta' l-Istati Uniti;
- (d) il-prezz rappreżentattiv fi swieq oħra;
- (e) l-ispiża medja tal-ġarr bil-baħar bejn il-port ta' l-oriġini u wieħed mill-portijiet ta' Antwerp, Rotterdam, Amsterdam jew Gent.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 29 ta' Lulju 1996.

Il-prezz ta' importazzjoni għandu normalment ikun il-prezz indikat taħt (a), iżda, fin-nuqqas ta' tali prezz, għandu jkun stabbilit fuq il-bażi tal-fatturi mniżżla taħt (b), (ċ) u (e); il-prezzijiet li għalihom hemm referenza f' (d) għandhom jintużaw biss fin-nuqqas tal-prezzijiet li għalihom hemm referenza taħt (a), (b) u (ċ).

Fin-nuqqas ta' stimi għall-ispejjeż ta' trasport bil-baħar tar-ross, għandhom jintużaw dawk għaċ-ċereali.

2. Il-fatturi użati għall-kalkolazzjoni għandhom ikunu stabbiliti u kkontrollati kull ġimgħa fuq il-bażi tas-sorsi u tal-kwalitajiet tar-referenza mniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament. L-ispiża ta' ġarr bil-baħar għandha tkun stabbilita fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

Jekk il-prezz stabbilit jiġi espress bħala C & F, għandu jżied b' 0,75 %.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 10, tas-16.1.1992, p. 9.

ANNEX I

	Ross indika		Ross Ġaponika	
	Imqaxxar	Mithun	Imqaxxar	Mithun
Kodiċi NM	1006 20 17 1006 20 98	1006 30 27 1006 30 48 1006 30 67 1006 30 98	1006 20 minbarra 1006 20 17 1006 20 98	1006 30 minbarra 1006 30 27 1006 30 48 1006 30 67 1006 30 98
Kwalità ta' referenza	Qamħ twil ta' l-Istati Uniti 2/4/73 Qamħ twil ta' l-Istati Uniti mgħolli 1/4/88	Tajlandiż 100 % B	Qamħ medju ta' l-Istati Uniti (Golf) ⁽¹⁾	
Oriġini	L-Istati Uniti ta' l-Amerka	It-Tajlandja	L-Istati Uniti ta' l-Amerka	L-Istati Uniti ta' l-Amerka
Stadju ⁽²⁾	cif loose	cif loose	cif loose	cif loose

⁽¹⁾ Cif ARAG: stima għall-portijiet tal-Baħar tat-Tramuntana (Antwerp, Rotterdam, Amsterdam, Gent).

⁽²⁾ Fin-nuqqas ta' din il-kwalità, jistgħu jintużaw kwalitajiet oħrajn tar-ross tat-tip ġaponika.

ANNEX II

IL-MUDELL B

1 Esportatur (Isem u indirizz sħiħ)	<p style="text-align: center;">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ B ROSS BASMATI</p> <p style="text-align: center;">għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea</p> <p>Nru. ORIGĪNAL</p> <p>Maħruġ minn: (Isem u indirizz sħiħ tal-korp li joħorġu)</p>	
2 Destinatarju (Isem u indirizz sħiħ)		
3 Reġjun jew post tal-kultivazzjoni		
4 Valur FOB f'dollari Amerikani		
5 Numru u data tal-fattura		
6 Marki u numri — Numbru u tip ta' pakketti — Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	7 Piż nett (kg)	
	8 Net weight (kg)	
<p>9 DIKJARAZZJONI MILL-ESPORTATUR</p> <p>Is-sottoskritt jiddikara li l-informazzjoni hawn fuq preżentata hija korretta.</p> <p>Post u data: Firma:</p>		
<p>10 ĊERTIFIKAZZJONI MILL-KORP LI JOĦORĠU</p> <p>Qiegħed jiġi ċertifikat li r-ross hawn fuq deskritt huwa ROSS BASMATI u li l-informazzjoni preżentata f'dan iċ-ċertifikat hija korretta.</p> <p>Post u data: Firma: Timbru:</p>		
<p>11 ĊERTIFIKAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI TAL-PAJJIŻ TA' ESPORTAZZJONI</p> <p>Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ekonomika Ewropea tar-ross hawn fuq deskritt ġew kompletati.</p> <p>Tip, numru u data ta' l-esportazzjoni: Isem u pajjiż ta' l-uffiċċju doganali:</p> <p style="text-align: right;">Firma: Timbru:</p>		
12 GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-KOMUNITÀ		

